MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 359/2002/1

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Joseph Seguna**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm175.00) rapprezentanti hsarat li garrbet il-vettura GVN 010 f’incident tat-traffiku li sehh fi Pjazza San Luqa, Pieta, fl-20 ta’ Dicembru 2000. L-incident de quo sehh unikament tort tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Joseph Seguna, sewwieq tal-vettura Datsun 120Y – AAU 705 li kienet involuta fl-incident imsemmi. Ghalkemm interpellat permezz ta’ ittra ufficjali tal-15 ta’ Jannar, 2002 il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-konvenut kif allegat fit-talba.

Ezamina d-dokumenti u sema' ix-xhieda

Ikkunsidra

Illi l-kollizzjoni in dezamina tirrispekkja sitwazzjoni ta' komun okkorenza. Dana billi tigi prospettata sitwazzjoni ta' zewg versjonijiet, li ghalkemm opposti ghal xulxin, huwa potenzjalment verosimili. Il-metodu tas-sewqan taz-zewg xufiera jista ikun dak li effettivament ikkaguna l-kollizzjoni.

Kif spjegaw l-ambjent quddiem l-isptar- traffiku jimxi bil-mod, vetturi jieqfu, nies iridu jinzlu minn vetturi, jaqsam ghall-isptar, vetturi jaqbzu ohrajn wieqfa- dan kollu huwa rispekkjat fil-verita'.

Huwa parifiku bejn l-partijiet li l-vettura tal-konvenut, fi x hin, kienet wieqfa. Il-vettura tal-attur qabzitha- kif saret il-habta- ghax qabez hazin jew ghax kif nizzel in-nies, il-konvenut saq minghajr ma ta kaz il-vetturi fuq ix-xellug tieghu. Ma hemmx qbil pero' ghaliex il-konvenut kien wieqaf- vetturi quddiemu jew kien inizzel in-nies.

Il-principju bazilari jistipula li onus probandi ei quei dicit, non ei qui negat.  Anki kif inhuma l-hsarat fiz-zewg vetturi, jista ikun li z-zewg versjonijiet ikunu kredibbli. Sta ghall-attur li jikkonvinci lil gudikant, imqarr fuq bilanc ta' probabiltajiet, li t-tezi tieghu hija aktar vicin l-verita tal-akkadut milli dik tal-konvenuti. Dana l-attur naqas li jissostanzja.

It-Tribunal jaqta li jiddeciedi billi jichad it-talba attrici bl-ispejjes in vista tas-suespost, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

---------------------------------TMIEM---------------------------------